MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2012

Numru. 670/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Anthony Bonnici ta' 42 sena bin Anthony u Rose xebba Grech imwieled il-Pieta nhar it-12 t'Awissu 1969, residenti gewwa Hubbard Flats Blk 11, Flt 1, Triq Alessandra, Bormla u detentur tal-karta tal-identita: 352769M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-Gimgha 25 ta' Mejju 2012 u s-Sibt 26 ta' Mejju 2012 minn gewwa Triq il-Malvizz il-Fgura u f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAA498 tal-ghamla Rover liema serqa hija kkwalifikata bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euros u seba w tletin centenzmu (2329.37

Euros), mezz u xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Jacqueline Bajada mill-Fgura.

Talli wkoll fil-lejl ta' bejn il-Gimgha 25 ta' Mejju 2012 u s-Sibt 26 ta' Mejju 2012 gewwa Triq San Mikiel il-Fgura volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq l-imsemmija Rover bin-numru ta' registrazzjoni GAA498 ghad-dannu ta' Jacqueline Bajada mill-Fgura u persuni ohra liema valur tal-hsara jeccedi l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69).

Talli ukoll fl-istess hin, data u cirkostanza, minghajr il-hsieb li jisraq jew jaghjmel xi haga kontra l-ligi ,izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita tieghu nnifsu fixkel lil Jacqueline Bajada mill-Fgura fil-pussess ta' hwejjigha u cioe` tal-istes vettura.

Talli ukoll nhar il-25 ta' Gunju 2012 ghal habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30) hrs, fl-ufficju tal-Ispettur Jurgen Vella fl-ghassa Rahal Gdid, ingurja jew hedded l-Ispettur Jurgen Vella persuna li hu inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew waqt li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni fi stadju bikri ta' l-imputat u l-fatt illi l-imputat iddikjara li jaghmel tajjeb u lest jirrifondi l-hsara ikkawzata minnu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 325, 95, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zimen tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti wara li rat l-artikou 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' hames mija seba u sebghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€577.73) lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bhala spejjez peritali u dan fi zmien tlett snin mil-lum.

Wara li l-Qorti rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati ihallas lil Jacqueline Bajada is-somma ta' disa' mija u disa u tletin euro u erba' sebghin centezmu (€939.74) u dan fi zmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------